# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 23 ta' April 2001**

**Avviz. numru 1421/00**

**Numru 49**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Luigi Tognon**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' disa' mija u hamsin liri Maltin (Lm950.00) somma ta' flus mill-konvenut frawdolentement ricevuta meta l-konvenut irtira fuq medda ta' granet flejjes mill-Automated Teller Machine kontra Cashlink Card li ma kienitx tal-konvenut u li l-konvenut ha minghajr titolu validu, liema flus gew ritirati permezz tal-istess Automated Teller Machines mill-kont numru 15807883017 (Dok "A") intestat f'isem terzi ad insaputa tal-istess terzi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju tat-18 ta' Novembru 1999 (Dok "B") u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li gew prezentati mal-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi Dok A u Dok B a fol 2 sa 6 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-28 ta' Marzu 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm950.00,0 bl-imghax legali mit-18 ta' Novembru 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-protest gudizjarju tat-18 ta' Novembru 1999 u tal-mandati ta' sekwestru u ta' qbid kawtelatorji tad-29 ta' Settembru 2000.

Alan Calleja
Dep.Reg